**Form 4** **Unit 6** **Flimkien: il-Knisja**

**Eżempji ta' mistoqsijiet li jirrikjedu tweġiba diretta.**

1. It-Testment il-Qadim jitkellem fuq il-Poplu ta' Alla. Min huwa l-Poplu ta' Alla llum?
2. Għaliex Ġesù għażel li l-Appostli jkunu tnax?
3. Semmi waħda mill-parabboli tas-Saltna u spjega x'tgħallimna dwar il-Knisja.
4. X'ried jifhem Ġesù meta xebbah is-Saltna t' Alla ma' għalqa li fiha jikber kemm il-qamħ kif ukoll is-sikrana?
5. Min mill-awturi umani tat-Testment il-Ġdid irrefera għall-Knisja bħala l-Ġisem ta' Kristu?
6. Spjega fil-qosor x'nifhmu meta ngħidu li l-Knisja hija l-Ġisem ta' Kristu?
7. Semmi xi kariżma li l-Ispirtu s-Santu jqajjem fl-insara għall-ġid tal-komunità.
8. Lil min jingħata s-Sagrament tal-Ordni Sagri u għaliex?
9. Semmi l-erba' kwalitajiet li jissemmew fil-Kredu ta' Niċea u li juru l-vera Knisja ta' Kristu.
10. Fil-qosor spjega x'infissru meta lill-Knisja nsejħulha:
    a. "Waħda"
    b. "Qaddisa"
    ċ. "Appostolika"
    d. "Kattolika".
11. Fisser dan il-kliem:
    a. Moviment Ekumeniku
    b. Infallibiltà
    ċ. Kolleġġjalità
    d. Kattolika
    e. Ċelibat
    f. Ordni Sagri

- Il-membri għandhom **doni u xogħolijiet/ħidmiet differenti**. Lkoll huma mportanti u ħadd ma jista' jgħaddi mingħajr l-oħrajn, bħalma l-id ma tistax tgħid lis-sieq li m'għandix bżonnha.
- Il-ħidmiet jissejħu **kariżmi** eż ħidma mal-fqar, mal-orfni, counseling, użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni għax-xandir tal-Kelma ta' Alla…
- Xi wħud jingħataw kollha kemm huma lil Alla permezz tal-**professjoni Reliġjuża** billi jħaddnu **ċ-ċelibat jew il-verġinità**.

6. **Il-Knisja hija:**
   - **Waħda:** Ma jagħmilx sens li Ġisem ikun mifrud fih innifsu. Ġesù ried li bħala Insara nkunu ħaġa waħda u ningħarfu li aħna Nsara mill-Imħabba ta' bejnietna. Sfortunatament matul iżminijiet il-Knisja għaddiet minn firdiet. B'hekk twieldu l-Knejjes Ortodossi u Protestanti apparti l-Knisja Kattolika. Il-**Moviment Ekumeniku** jaħdem biex iressaq lil dawn il-Knejjes lejn xulxin kif ried Ġesù.

   - **Qaddisa:** Ġesù xebbah il-Knisja ma' **għalqa li fiha ssib kemm il-qamħ (qaddisin), kif ukoll is-sikrana (midinbin)**. Minkejja dan nistgħu ngħidu li huma l-qaddisin kemm dawk li diġa qegħdin fis-sema kif ukoll dawk li għadhom magħna, li jmexxu l-Knisja u jtuha l-ħajja. Il-Knisja hija poplu li flimkien qed jiprova jinbidel u jersaq iktar viċin Alla.

   - **Kattolika:** il-poplu l-ġdid ta' Alla mhux miftuħ biss għall-poplu wieħed kif kien dak qadim, imma **miftuħ għall-ġnus kollha**. B'hekk Ġesù jxebbah lill-Knisja ma' **żerriegħa tal-mustarda** li tkun żgħira ħafna u tikber f'siġra kbira li tilqa' fiha kull tip ta' għas afar. Hekk il-Knisja bdiet minn poplu żgħir u llum xterdet mad-dinja kollha.

   - **Appostolika:** il-Knisja bdiet minn tnax-il appostlu u tkompli immexxija mis-suċċessuri tal-Appostli: l-**Papa** li ħa post Pietru, l-**Isqfijiet u s-saċerdoti** li jgħinuhom, flok l-Appostli.

Il-**ħidmiet** li Ġesu ħalla f'idejhom u f'idejn s-suċċessuri tagħhom:

> **jgħallmu l-ġnus u jgħammdu**
>
> **jaħfru d-dnubiet**
>
> **jiċċelebraw l-Ewkaristija**
>
> **jieħdu deċiżjonijiet li jħarsu l-verità u l-imħabba**

7. Tifsiriet:
   - **Kolleġjalità:** l-għaqda bejn il-Papa u l-Isqfijiet u l-Isqfijiet infushom
   - **Infallibilità:** il-qawwa speċjali mogħtija minn Alla lil Papa u lill-Isqfijiet biex ma jiżbaljawx fit-tagħlim tal-Knisja
   - **Ordni Sagri:** is-sagrament li bih jiġi kkonsagrat is-saċerdot/qassis

8. **Ma nistgħux ngħidu Kristu Iva, Knisja Le**: Il-Knisja hija l-Ġisem ta' Kristu u l-familja tiegħu.